MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1304/2010

**Patrick Pace (K.I. 317263M)**
**vs**
**Jilly Cassar (K.I. 30361A)**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ elfejn u tmienja u sebghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€2,078.81) kwantu ghas-somma ta’ elf, hames mija u tnejn u tletin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€1,532.81) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenuta in konnessjoni ma’ stabbiliment Aunty Gilly’s u dan kif jirrizulta mill-anness prospett immarkat Dok A, u kwantu ghas-somma ta’ hames mija sitta u erbghin ewro u centezmu (€546.01) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenuta in konnessjoni ma’ stabbiliment ta’ La Gabbana u dan a kif

jirizulta mill-anness prospett immarkat Dok B oltre l-imghax legali mid-data tal-pagament effettiv.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas din is-somma izda baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant, il-konvenuta ghandha tigi kkundannaat thallas lill-attur l-imsemmija elfejn u tmienja u sebghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€2,078.81) u dana oltre l-imghax legali mid-data ta’ kull fattura sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez u d-drittijiet ta’ dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-mandata ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentant kontestwalment ma’ dan l-avviz, kontra l-kovenuta mil-lum ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta bil-lingwa Inglizi peress illi hija ta’ nazzjonalita’ Ingliza, bi qbil mall-partijiet it-Tribunal ikkonceda li r-risposta issir bil-lingwa Ingliza sabiex jigu evutati spejjez ulterjuri lill-partijiet u fir-risposta qalet :
*With regards to the first part of the debt in the amount of €1532.80, defendant does not contest this amount. In any way, however with regards to the second part of the debt in the amount of €4546.01 defendant rebuts the claim that this amount is owed, due to the fact that she is not the proper respondent according to law as she has no connection whatsoever with La Gabbana and this can be proved in due course during the course of the proceedings.*

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema’ x-xhieda ta’ Jilly Cassar, Sean Cassar u Joseph Falzon.

Ra li fl-1 ta’ Marzu, 2011 wara li nstemghu x-xhieda hawn fuq indikati, l-attur ipprezenta nota fejn irriduca it-talba tieghu b’hames mija sitta u erbghin ewro u centezmu (€546.01) somma rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenuta in konnessjoni ma’ stabbiliment La Gabbana, filwaqt illi t-

talba ghalhekk giet ridotta ghal elf hames mija tnejn u tletin ewro u tmenin centezmu (€1,532.80) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenuta in konnessjoni ma stabbiliment Aunty GIlly’s bl-interessi legali mid-datat ta’ kull fattura sad-datat tal-pagament effettiv,bl-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment mat-talba kontra l-konvenuta.

**Ikkunsidra:**

Illi wara li nstemghu tlett xhieda jixhdu fil-mertu, l-attur irriduca s-somma tat-talba ghall- elf hames mija tnejn u tletin ewro u tmenin centezmu (€1532.80) in kwantu rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lil-istess konvenuta in konnessjoni ma stabbiliment Aunty Gilly’s.

It-Tribunal ra li l-konvenuta irrinunzjat illi tissokta bil-proceduri quddiem dan it-Tribunal ghat-tieni parti tat-talba taghha fis-somma ta’ hames mija sitta u erbghin ewro u centezmu (€546.01) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lil-istess konvenuta in konnessjoni ma stabbiliment La Gabbana.

It-Tribunal ra li fir-risposta tal-konvenuta hija ma kienetx qed tikkontesta l-ammont ta’ elf hames mija tnejn u tletin ewro u tmenin centezmu (€1532.80) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenuta in konnessjoni ma’ stabbiliment Aunty Gilly’s mhuwiex qieghed jigi kontestat. It-Tribunal sema’ lill-konvenuta tixhed ‘viva voce’ illi l-ammont ta’ elf hames mija tnejn u tletin ewro u tmenin centezmu (€1532.80) hekk kif jirrizulta llum fit-talba, huwa dovut minnha.

It-Tribunal ra lli kien hemm riduzzjoni fit-talba, kif ukoll ra r-risposta tal-konvenuta u sema’ lill-konvenuta tammetti li t-talba ta’ elf hames mija tnejn u tletin ewro u tmenin centezmu (€1532.80), rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-istess konvenuta in konnessjoni ma’ stabbiliment Aunty Gilly’s. It-Tribunal

ghalhekk , huwa konvint illi l-attur ipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici hekk kif ridotta u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur fis-somma ta' elf hames mija tnejn u tletin ewro u tmenin centezmu (€1532.80) bl-interessi kif mitluba.

Spejjez tal-kawza sopportati tlett kwarti mill-konvenuta u kwart mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------